MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Numru 57414/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina u**
**Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Josef Camilleri, Clemenzju Zerafa,**
**Ferdinando Veneziani u**
**Anthony Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu presentat il-bierah 23 ta' Novembru 2006, li permezz tieghu, wara li invoka l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, huwa talab li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputati fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq indikata;

Rat id-digriet taghha tal-bierah li permezz tieghu l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh ghal-lum;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-Avukat Dott. Arthur Azzopardi ghar-rikorrent Avukat Generali kif ukoll lill-Avukati Dott. Emmanuel Mallia u Dott. Franco Debono ghall-erba’ intimati; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispetturi tal-Pulizija Josric Mifsud u Raymond Aquilina;

Rat l-attijiet tal-prezentata u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, s’intendi ghall-mument minn dak li xehdu l-imsemmija zewg spetturi; ikkunsidrat:

L-erba’ imputati jinsabu akkuzati b’diversi reati konnessi ma’ traffikar u sfruttar ta’ persuna ghall-finijiet ta’ postituzzjoni, inkluzi r-reati ta’ ghejxien minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta’ persuna ta’ nazzjonalita` barranija kif ukoll li zammew jew ezercitaw burdell jew post simili;

Issa, kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva fid-digrieti taghha tat-13 ta’ Settembru 2006 u 18 ta’ Frar 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bernice Formosa et** u **Il-Pulizija v. Anthony Bugeja et** rispettivament, il-proceduri ta’ revizjoni taht is-subartikoli (9) tal-Artikolu 574A u (4A) tal-Artikolu 575 ma kienux certament intizi biex <u>f’kull kaz</u> ta’ ghoti ta’ helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) toqghod tirrevedi kollox biex tara jekk hi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, <u>kienitx kieku tikkoncedi dak il-helsien mill-arrest</u> [1], u, f’kaz ta’ risposta negattiva, tirrevoka dak il-helsien mill-arrest. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dik l-imsemmija procedura giet introdotta biex, jekk din il-Qorti taqbel ma’ l-Avukat Generali li l-ewwel Qorti tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha b’mod evidentement zbaljat – sia jekk fuq bazi fattwali (ez. ma tkunx ikkunsidrat bizzejjed certi fatti jew cirkostanzi) u sia jekk fuq bazi legali (ez. uzu hazin tal-garanzija personali) – allura tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Inferjuri jew tvarja l-kundizzjonijiet li tahthom dak il-helsien mill-arrest ikun gie koncess. Fi

[1] S’intendi l-Artikolu 574A(9) jikkontempla wkoll l-ipotesi ta’ helsien mill-arrest minghajr kondizzjoni, li pero` mhux il-kaz odjern.

kliem iehor, is-semplici fatt wahdu li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija ma kienitx tikkoncedi l-helsien mill-arrest, jew li hija kienet kieku timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti mill-ewwel Qorti, m’ghandux iwassal necessarjament ghall-konsegwenza li din il-Qorti tirrevoka dak il-helsien mill-arrest jew tvarja dawk il-kundizzjonijiet. Wiehed jippresumi li l-Qorti Istruttorja tkun ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha qabel ma tat il-helsien mill-arrest u qabel ma stabbiliet il-kundizzjonijiet tal-istess helsien. Parimenti, meta l-Qorti tal-Magistrati tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest – u ghandha taghti r-ragunijiet ghal tali rifjut, Art. 575(11) – din il-Qorti, jekk ma tkunx tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fir-rifjut taghha, m’ghandhiex tvarja tali decizjoni. Kieku kien mod iehor, ikun ifisser li d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f’din il-materja ta’ helsien mill-arrest jkunu kwazi ta’ natura aleatorja;

F’dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha b’mod kjarament zbaljat meta, tenut kont tan-natura delikata (apparti l-kwistjoni tal-gravita`) tar-reati addebitati kontra l-imputati intimati odjerni u tal-provi li l-prosekuzzjoni fissret li ghandha u li trid ittella’, hija kkoncediet il-helsien mill-arrest taht garanzija fl-istadju tal-prezentata. Ix-xhud ewlenija u allegata vittma f’dan il-kaz ghadha ma xehditx (ghalkemm jidher li xehdet fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere*) u dan il-fatt fih innifsu – dejjem tenut kont tan-natura partikolari tar-reati in dizamina – kellu jkun indikatur car li f’dan il-kaz, bil-ghoti tal-helsien mill-arrest fl-istadju tal-prezentata, kien hemm il-perikolu serju ta’ intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja kif ravvizat fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba ta’ l-Avukat Generali hi ben fondata u ghandha tintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali u tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-intimati fit-termini tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------